II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1112/2014

tat-13 ta' Ottubru 2014

li jistabbilixxi format komuni għall-iskambju tat-tagħrif dwar l-indikaturi ta' perikli kbar mill-operaturi u s-sidien tal-impjanti taż-żejt u tal-gass li jinsabu lil hinn mill-kosta u format komuni għall-pubblikazzjoni tat-tagħrif dwar l-indikaturi ta' perikli kbar mill-Istati Membri

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE ([1]), u b'mod partikulari l-Artikoli 23(2) u 24(2) tagħha,

Billi:

(1) L-Istati Membri huma obbligati jiżguraw li l-operaturi u s-sidien tal-impjanti taż-żejt u tal-gass li jinsabu lil hinn mill-kosta jagħtu lill-awtorità kompetenti mill-inqas id-dejta dwar l-indikaturi ta' perikli kbar kif speċifikat fl-Anness IX tad-Direttiva 2013/30/UE. Dak it-tagħrif għandu jippermetti lill-Istati Membri jipprovdu twissija bikrija tad-degradazzjoni potenzjali tal-ilqugħ tas-sigurtà li jkun kruċjali mil-lat ambjentali, u għandu jippermettilhom jieħdu miżuri ta' prevenzjoni, fosthom fid-dawl tal-obbligi tagħhom skont id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) ([2]).

(2) It-tagħrif għandu juri wkoll l-effettività globali tal-miżuri u l-kontrolli implimentati mill-operaturi u s-sidien individwali, u mill-industrija b'mod ġenerali, sabiex jiġu evitati aċċidenti kbar u jitnaqqsu r-riskji għall-ambjent. Barra minn hekk, it-tagħrif u d-dejta mogħtija għandhom jiżguraw li l-prestazzjoni tal-operaturi u s-sidien individwali tkun tista' titqabbel fl-Istat Membru u li l-prestazzjoni tal-industrija b'mod ġenerali tkun tista' titqabbel fost l-Istati Membri.

(3) In-nuqqas ta' format komuni għar-rappurtar tad-dejta fl-Istati Membri kollha jagħmilha diffiċli li wieħed jaqsam dejta komparabbli fost l-Istati Membri u jagħmel dan il-qsim wieħed mhux affidabbli. Format komuni għar-rappurtar tad-dejta mill-operaturi u s-sidien lill-Istat Membru għandu jipprovdi trasparenza rigward il-prestazzjoni ambjentali u dik marbuta mas-sikurezza tal-operaturi u s-sidien u għandu jipprovdi tagħrif komparabbli għall-Unjoni kollha dwar is-sikurezza tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass lil hinn mill-kosta u jiffaċilita t-tixrid tat-tagħlim li joħroġ mill-aċċidenti l-kbar u minn aċċidenti li jkunu ġew evitati bi ftit.

(4) Biex jitkattru l-fiduċja tal-pubbliku fl-awtorità u l-integrità tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass lil hinn mill-kosta fl-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jippubblikaw b'mod regolari t-tagħrif imsemmi fil-punt 2 tal-Anness IX tad-Direttiva 2013/30/UE skont l-Artikolu 24 ta' dik id-Direttiva. Format komuni u d-dettalji tat-tagħrif li l-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku għandhom iħaffu t-tqabbil transfruntier tad-dejta,

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sikurezza tal-Operazzjonijiet taż-Żejt u tal-Gass lil hinn mill-Kosta,

([1]) ĠU L 178, 28.6.2013, p. 66.
([2]) Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jispeċifika formati komuni għall-affarijiet li ġejjin:

(a) ir-rapporti mill-operaturi u s-sidien tal-impjanti taż-żejt u tal-gass li jinsabu lil hinn mill-kosta lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri skont l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2013/30/UE;

(b) il-pubblikazzjoni tat-tagħrif mill-Istati Membri skont l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2013/30/UE.

Artikolu 2

Perjodu ta' referenza u d-dati tat-tressiq tar-rapporti

1. L-operaturi u s-sidien tal-impjanti taż-żejt u tal-gass li jinsabu lil hinn mill-kosta għandhom jibagħtu r-rapport imsemmi fl-Artikolu 1(a) fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol minn meta jseħħ l-avveniment.

2. Il-perjodu annwali tar-rappurtar għat-tagħrif imsemmi fl-Artikolu 1(b) għandu jkun mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru, u dan għandu jibda mis-sena kalendarja tal-2016. Il-format komuni għall-pubblikazzjoni għandu jintuża biex it-tagħrif meħtieġ skont l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2013/30/UE jiġi ppubblikat fuq is-sit tal-Internet tal-awtorità kompetenti sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju tas-sena ta' wara l-perjodu tar-rappurtar.

3. Il-formati stabbiliti fl-Anness I u fl-Anness II għandhom jintużaw għar-rapporti u l-pubblikazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(a) u (b) rispettivament.

Artikolu 3

Dettalji tat-tagħrif li għandu jinqasam

L-Anness I jistabbilixxi d-dettalji tat-tagħrif li għandu jinqasam skont il-punt 2 tal-Anness IX tad-Direttiva 2013/30/UE.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS I

Format komuni għar-rappurtar tad-dejta dwar l-inċidenti u l-aċċidenti l-kbar tal-industrija taż-żejt u tal-gass lil hinn mill-kosta

Kif meħtieġ skont l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2013/30/UE

Kummenti ġenerali dwar id-dettalji tat-tagħrif li għandu jinqasam

a. Id-dettalji dwar it-tagħrif li għandu jinqasam huma marbutin mal-punt 2 tal-Anness IX tad-Direttiva 2013/30/UE dwar is-sikurezza tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass lil hinn mill-kosta u b'mod partikulari mar-riskju ta' aċċident kbir kif iddefinit f'dik id-Direttiva.

b. Il-punt 2 tal-Anness IX tad-Direttiva 2013/30/UE fih indikaturi ewlenin primarji u sekondarji tal-prestazzjoni sabiex tingħata stampa ċara tas-sikurezza tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass lil hinn mill-kosta fl-Istati Membri individwali u fl-Unjoni Ewropea, iżda xi wħud mill-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni jservu ta' twissija bħall-fallimenti tal-elementi kritiċi ambjentali u tas-sikurezza u l-fatalitajiet.

c. Skont l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/91/KEE ([1]), min iħaddem għandu jirrapporta lill-awtoritajiet kompetenti, mingħajr dewmien, kull aċċident serju u/jew fatali li jseħħ fuq il-post tax-xogħol u kull sitwazzjoni ta' periklu serju. L-awtorità kompetenti għandha tuża din id-dejta sabiex tirrapporta t-tagħrif meħtieġ skont il-punt 2(g) u (h) tal-Anness IX tad-Direttiva 2013/30/UE.

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/91/KEE tat-3 ta' Novembru 1992 li tikkonċerna l-ħtiġiet minimi għat-titjib tal-ħarsien tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema fl-industriji tal-estrazzjoni tal-minerali permezz tat-tħaffir (il-ħdax-il Direttiva individwali fil-qofol tat-tifsir tal-Artikolu 16 (1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 348, 28.11.1992, p. 9).

Id-data u l-ħin meta seħħ l-avveniment

(a) Data meta seħħ l-avveniment: .... (jj/xx/ssss)

(b) Ħin li fih seħħ l-avveniment: .... (ss:mm)

Id-dettalji tal-post fejn seħħ l-avveniment u tal-persuna li qed tirrapporta dwaru

L-operatur/is-sid	
Isem l-impjant/it-tip ta' impjant:	
Isem il-bir/il-kodiċi tiegħu (jekk dan ikun rilevanti):	
Isem il-persuna li qed tagħmel ir-rapport:	
Pożizzjoni tal-persuna li qed tagħmel ir-rapport	
Dettalji ta' kuntatt:	
Numru tat-telefown:	
Indirizz tal-posta elettronika:	

Klassifikazzjoni tal-avveniment ([2])

Dwar liema tip ta' avveniment qed isir ir-rapport? *(Jistgħu jingħażlu diversi possibbiltajiet)*

☐ A. Rilaxx ta' żejt, gass jew sustanzi perikolużi oħrajn bi żball, kemm jekk dawn ikunu ħadu n-nar u kemm jekk le:

1. kull rilaxx, bi żball, ta' żejt jew gass li jkun ħa n-nar f'impjant lil hinn mill-kosta jew li jkun beda minnu;
2. ir-rilaxx bi żball tal-affarijiet li ġejjin f'impjant lil hinn mill-kosta jew li jkun beda minnu;
   (a) gass naturali li ma jkunx ħa n-nar jew gas assoċjat li jkun evapora jekk il-massa rrilaxxata tkun ta' kilogramm jew iktar;
   (b) likwidu tal-idrokarbur taż-żejt mhux maħdum li ma jkunx ħa n-nar jekk il-massa rrilaxxata tkun ta' 60 kilogramma jew iktar;
3. ir-rilaxx bi żball jew il-ħarba ta' kwalunkwe sustanza perikoluża li għaliha jkun ġie vvalutat ir-riskju ta' aċċident kbir fir-rapport dwar il-perikli l-kbar, f'impjant lil hinn mill-kosta jew li jkun beda minnu, inkluż fil-bjar u fil-flussi ta' ritorn tal-addittivi użati għat-tħaffir.

☐ B. Telf ta' kontroll tal-bir li minħabba fih ikollu jitqabbad it-tagħmir għall-kontroll tal-bir, jew il-falliment ta' lqugħ tal-bir li jwassal biex dan jinbidel jew jissewwa:

1. kull żbroff f'daqqa waħda ta' żejt jew gass minn bir, idum kemm idum;
2. it-tqabbid ta' sistema ta' prevenzjoni tal-iżbroffi jew ta' sistema ta' bdil fid-direzzjoni sabiex jiġi kkontrollat il-fluss tal-fluwidi mill-bir;
3. in-nuqqas mekkaniku ta' kwalunkwe parti minn bir li l-għan tagħha huwa li tipprevjeni jew tillimita l-effett tar-rilaxx bi żball tal-fluwidi minn bir jew minn ġibjun li jkun qed jintuża għall-bir, jew ta' parti minn bir li n-nuqqas tagħha jwassal għat-tali rilaxx jew jikkontribwixxi għalih;
4. it-teħid ta' miżuri ta' prekawzjoni, minbarra dawk li diġà huma inklużi fil-programm oriġinali tat-tħaffir, f'każ li ma tkunx inżammet distanza minima ppjanata ta' separazzjoni bejn bjar li jkunu jinsabu maġenb xulxin.

([2]) Skont l-Anness IX tad-Direttiva 2013/30/UE.

☐ C. Il-falliment ta' element kritiku ambjentali u tas-sikurezza:

kull telf ta' element kritiku ambjentali u tas-sikurezza jew nuqqas ta' disponibbiltà tiegħu li jkun jeħtieġ li tittieħed azzjoni immedjata ta' rimedju.

☐ D. Telf sinifikanti tal-integrità strutturali, jew telf tal-ħarsien mill-effetti tan-nirien jew ta' splużjoni, jew telf tal-istabbiltà tal-post ta' impjant mobbli:

kull kundizzjoni nnutata li tnaqqas l-integrità strutturali ddisinjata tal-impjant, inklużi l-istabbiltà, iż-żamma fil-wiċċ u l-istabbiltà tal-post, safejn dan ikun jeħtieġ li tittieħed azzjoni immedjata ta' rimedju.

☐ E. Bastimenti li se jkunu involuti f'ħabta jew ħabtiet ta' bastimenti li jkunu saru fir-realtà ma' impjant li jkun jinsab lil hinn mill-kosta:

kull ħabta, jew ħabta potenzjali, ta' bastiment ma' impjant lil hinn mill-kosta li kellha, jew li kieku jkollha, biżżejjed enerġija biex toħloq biżżejjed ħsara fl-impjant u/jew fil-bastiment biex thedded l-integrità ġenerali strutturali jew tal-proċess.

☐ F. Aċċidenti bil-ħelikopter qrib impjanti li jinsabu lil hinn mill-kosta jew fuqhom:

kull ħabta, jew ħabta potenzjali, ta' ħelikopter ma' impjant lil hinn mill-kosta.

☐ G. Kull aċċident fatali li għandu jiġi rrappurtat skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva 92/911/KEE

☐ H. Kull darba li ħames persuni jew iktar jindarbu serjament fl-istess aċċident, li għandha tiġi rrappurtata skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva 92/911/KEE

☐ I. Kull evakwazzjoni tal-persunal:

kull evakwazzjoni ta' emerġenza ta' parti mill-persunal jew tal-persunal kollu, li ma tkunx ippjanata u li ssir minħabba li jkun seħħ aċċident kbir jew minħabba li jkun hemm riskju sinifikanti li jseħħ aċċident kbir.

☐ J. Inċident ambjentali kbir:

kull inċident ambjentali kbir kif iddefinit fl-Artikolu 2(1)(d) u fl-Artikolu 2(37) tad-Direttiva 2013/30/UE.

Kummenti:

Jekk l-inċident jaqa' f'waħda mill-kategoriji msemmijin hawn fuq, l-operatur/is-sid għandu jmur fit-taqsima/fit-taqsimiet rilevanti, u b'hekk inċident wieħed jista' jwassal biex dak li jkun jimla diversi taqsimiet. L-operatur/is-sid irid jibgħat it-taqsimiet li jkun mela lill-awtorità kompetenti fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol minn meta jseħħ l-avveniment, billi juża l-aqwa tagħrif li jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu dak iż-żmien. Jekk l-avveniment irrappurtat ikun aċċident kbir, l-Istat Membru għandu jagħti bidu għal investigazzjoni bir-reqqa dwaru skont l-Artikolu 26 tad-Direttiva 2013/30/UE.

L-inċidenti li fihom imutu jew jindarbu serjament in-nies għandhom jiġu rrappurtati skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva 92/91/KEE.

L-inċidenti bil-ħelikopters għandhom jiġu rrappurtati skont ir-regolamenti tal-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili. Jekk iseħħ aċċident bil-ħelikopter b'rabta mad-Direttiva 2013/30/UE, għandha timtela t-Taqsima F.

Filwaqt li jitqiesu l-obbligi tal-Istati Membri li jżommu jew jiksbu status ambjentali tajjeb skont id-Direttiva 2008/56/KE ([3]), jekk ir-rilaxx ta' żejt, gass jew sustanzi perikolużi oħrajn bi żball jew il-falliment ta' element kritiku ambjentali u tas-sikurezza jkun se jwassal għal degradazzjoni fl-ambjent jew x'aktarx ikun se jwassal għal dan, it-tali impatt għandu jiġi rrappurtat lill-awtoritajiet kompetenti.

([3]) Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

TAQSIMA A

RILAXX TA' ŻEJT, GASS JEW SUSTANZI PERIKOLUŻI OĦRAJN BI ŻBALL, KEMM JEKK DAWN IKUNU ĦADU N-NAR U KEMM JEKK LE

A.1. ***Kien hemm rilaxx tal-idrokarburi?*** Iva ☐ Le ☐

Jekk it-tweġiba hija iva, jekk jogħġbok imla t-taqsimiet li ġejjin.

I. L-idrokarbur irrilaxxat: *(Immarka l-kaxxa rilevanti)*

SUSTANZA MHUX UŻATA FIL-PROĊESS: ☐ *(Speċifika liema waħda)*...............

SUSTANZA UŻATA FIL-PROĊESS: Żejt ☐ Kondensat ☐ Gass ☐ Sustanza b'żewġ fażijiet ☐

Jekk l-idrokarbu ikun gass jew sustanza b'żewġ fażijiet, jekk jogħġbok agħti l-livell ta' H_2S tiegħu: ...... *(il-ppm stmati)*

II. Stima tal-kwantità rrilaxxata: ....

(Speċifika l-unità, pereżempju tunnellati, kilogrammi jew Nm^3)

III. Stima tar-rata inizjali tar-rilaxx: ....

(Speċifika l-unità, pereżempju tunnellati f'ġurnata, kilogrammi f'sekonda jew Nm^3 f'sekonda)

IV. Kemm iddum għaddejja t-tnixxija: .... (sekondi/minuti/sigħat)

(Stima tal-ħin minn x'ħin tkun ġiet innutata t-tnixxija, pereżempju minn x'ħin ikun tqajjem l-allarm dwarha jew minn x'ħin din tkun ġiet irreġistrata b'mod elettroniku, sa ma tintemm)

V. Il-post tat-tnixxija: ....

VI. Klassifikazzjoni taż-żona ta' periklu: *(jiġifieri taż-żona fejn tkun seħħet it-tnixxija)*

(Immarka l-kaxxa rilevanti) 1 ☐ 2 ☐ L-ebda klassifika ☐

VII. Ventilazzjoni tal-modulu? Ventilazzjoni naturali ☐ Ventilazzjoni furzata ☐

Kemm-il lat huwa magħluq? ....

(Daħħal l-għadd ta' ħitan, inklużi l-art u s-saqaf)

Volum tal-modulu: .... (m^3)

Stima tal-għadd ta' bidliet fl-arja (jekk dan ikun magħruf): ....

Speċifika r-rata fis-siegħa. ....

VIII. Kundizzjonijiet tat-temp:

Qawwa tar-riħ: .... Direzzjoni tar-riħ: ....

(Speċifika l-unità, pereżempju mph, m/s, ft/s). *(Speċifika d-direzzjoni fi gradi).*

Iddeskrivi l-kundizzjonijiet l-oħra tat-temp li huma rilevanti: ....

IX. Pressjoni tas-sistema:

Pressjoni tad-disinn: .... Pressjoni fir-realtà: ....

(Speċifika l-unità, pereżempju bar, psi jew unità oħra) *(jiġifieri l-pressjoni fil-mument tar-rilaxx)*

X. Mezz ta' detezzjoni: *(Jekk jogħġbok immarka t-tip ta' detettur jew speċifika skont il-każ)*

☐ **Nar**

☐ **Gass**

☐ **Duħħan**

☐ **Mezz ieħor**

XI. X'ikkawża t-tnixxija: *(Jekk jogħġbok agħti deskrizzjoni fil-qosor u imla l-lista ta' kontroll dwar il-"kaġuni" mogħtija hawn taħt)*

☐

XII. Seħħ xi tqabbid? *(Jekk jogħġbok immarka l-kaxxa rilevanti)*

Iva ☐ Le ☐

Jekk it-tweġiba hija **iva**, it-tqabbid seħħ: b'mod immedjat: ☐ .... b'xi dewmien: ☐ ...... Perjodu ta' dewmien: .... (f'sekondi)

Kien hemm: *(agħti s-sekwenza tal-avvenimenti billi timmarka l-kaxxi rilevanti bin-numri skont l-ordni li fihom seħħew l-avvenimenti)*

☐ Fjamma nar f'daqqa	☐ Splużjoni
☐ Nar minn ġett	☐ Nar f'għadira

XIII. Is-sors tat-tqabbid (jekk dan ikun magħruf)

Jekk jogħġbok iddeskrivi s-sors tat-tqabbid.

....

XIV. X'azzjoni ta' emerġenza ttieħdet? *(Jekk jogħġbok immarka l-kaxxa rilevanti)*

☐ Tifi ☐ b'mod awtomatiku ☐ b'mod manwali	☐ Tnaqqis tal-pressjoni ☐ b'mod awtomatiku ☐ b'mod manwali
☐ Sistema ta' dulluvju ☐ b'mod awtomatiku ☐ b'mod manwali	☐ CO_2/alon/gassijiet inerti ☐ b'mod awtomatiku ☐ b'mod manwali
☐ Sejħa biex in-nies jinġabru ☐ fl-istazzjonijiet ☐ fejn id-dgħajjes tas-salvataġġ	☐ Azzjoni oħra (jekk jogħġbok speċifika x'kienet) ....

XV. Kummenti addizzjonali:

....

LISTA TA' KONTROLL DWAR IL-KAĠUNI (ara l-punt A.1.XI "X'ikkawża t-tnixxija")

(Jekk jogħġbok indika dawk il-fatturi li joqorbu l-iktar lejn il-kaġun tat-tnixxija)

Indika x'ikkawża t-tnixxija.

Jekk jogħġbok immarka l-kaxxi rilevanti minn kull waħda mill-kategoriji li ġejjin.

☐ (a)	**Id-disinn:**		
☐	Nuqqas marbut mad-disinn		
☐ (b)	**It-tagħmir:**		
☐	Korrużjoni fuq in-naħa ta' ġewwa	☐	Korrużjoni fuq in-naħa ta' barra
☐	Nuqqas mekkaniku minħabba l-għeja	☐	Nuqqas mekkaniku minħabba l-użu
☐	L-erożjoni	☐	Difett fil-materjali
		☐	Problema oħra (jekk jogħġbok speċifika x'kienet): ....
☐ (c)	**It-tħaddim:**		
☐	Immuntar ħażin	☐	Tagħmir li tħalla miftuħ
☐	Spezzjoni ħażina	☐	Ittestjar ħażin
☐	Tħaddim ħażin	☐	Manutenzjoni ħażina
☐	Oġġett li twaqqa'	☐	Impatt ieħor
☐	Ftuħ meta kien hemm l-idrokarburi		
☐	Problema oħra (jekk jogħġbok speċifika x'kienet):		
☐ (d)	**Il-proċedura:**		
☐	Nuqqas ta' konformità mal-proċedura	☐	Nuqqas ta' konformità mal-permess tax-xogħol
☐	Proċedura insuffiċjenti		
☐	Problema oħra (jekk jogħġbok speċifika x'kienet):		

Indika l-mod ta' tħaddim li kien qed jintuża fiż-żona meta seħħ ir-rilaxx:

Jekk jogħġbok agħżel parametru wieħed mill-kategoriji li ġejjin, u mmarka l-kaxxi rilevanti.

Il-mod ta' tħaddim li kien qed jintuża fiż-żona meta seħħ ir-rilaxx:	
☐	Tħaffir
☐	Operazzjonijiet fil-bir (speċifika l-operazzjoni li kienet qed isseħħ fir-realtà, pereżempju l-proċedura ta' tniżżil tat-tagħmir fil-bir permezz tal-kejbils ("wireline"), l-ittestjar tal-bir, eċċ.):
☐	Produzzjoni
☐	Manutenzjoni
☐	Bini
☐	Operazzjonijiet fuq il-pajpijiet, inkluża l-manutenzjoni tagħhom bl-użu tat-tagħmir imsejjaħ "pigs"

A.2. ***Deskrizzjoni taċ-ċirkustanzi, il-konsegwenzi tal-avveniment u l-miżuri ta' emerġenza li ttieħdu***

A.2.1 ***Kien hemm rilaxx ta' sustanzi perikolużi oħrajn, minbarra l-idrokarburi?–***

Iva ☐ Le ☐

Jekk it-tweġiba hija **iva**, jekk jogħġbok speċifika t-tip ta' sustanza li ġiet irrilaxxata u l-kwantità tagħha:

(Tip) .... *(Kwantità, jekk jogħġbok speċifika l-unità)* ....

A.2.2 ***Kien hemm xi nar li ma kienx marbut mal-idrokarburi (li kien ikkawżat, pereżempju, mill-elettriku) li kellu potenzjal sinifikanti li jikkawża aċċident kbir?***

Iva ☐ Le ☐

Iddeskrivi ċ-ċirkustanzi:

....

A.2.3 ***L-inċident x'aktarx li jwassal għal degradazzjoni fl-ambjent tal-baħar tal-madwar?***

Iva ☐ Le ☐

Jekk it-tweġiba hija iva, iddeskrivi fil-qosor l-impatti ambjentali li diġà ġew innutati jew li x'aktarx se jkun hemm minħabba dan l-inċident. ....

A.3. ***Kaġuni preliminari diretti u sottostanti (fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol mill-avveniment)***

....

A.4. ***L-ewwel tagħlim li ħareġ mill-avveniment u r-rakkomandazzjonijiet preliminari sabiex tiġi evitata r-rikorrenza ta' avvenimenti simili fil-ġejjieni (fi żmien għaxart ijiem mill-avveniment)***

....

L-awtorità kompetenti għandha tkompli timla din it-taqsima.

L-inċident jitqies bħala inċident serju?

☐ iva

☐ le

Agħti r-raġuni għal dan:

....

TMIEM IR-RAPPORT

TAQSIMA B

TELF TA' KONTROLL TAL-BIR LI MINĦABBA FIH IKOLLU JITQABBAD IT-TAGĦMIR GĦALL-KONTROLL TAL-BIR, JEW IL-FALLIMENT TA' LQUGĦ TAL-BIR LI JWASSAL BIEX DAN JINBIDEL JEW JISSEWWA

B.1. ***Tagħrif ġenerali***

(a) Isem il-bir/il-kodiċi tiegħu: ...

(b) Isem il-kuntrattur tat-tħaffir (jekk dan ikun rilevanti): ...

(c) Isem il-pjattaforma tat-tħaffir/it-tip tagħha (jekk dan ikun rilevanti): ...

(d) Data/ħin tal-bidu u tat-tmiem tat-telf ta' kontroll tal-bir: ...

(e) Tip ta' fluwidu: salmura / żejt / gass / .... (jekk dan ikun rilevanti): ...

(f) Tlestija ta' ras il-bir: fil-wiċċ / taħt il-baħar: ...

(g) Kemm hu fond il-baħar (f'metri): ...

(h) Ġibjun: pressjoni / temperatura / fond ...

(i) Tip ta' attività: produzzjoni normali / tħaffir / interventi fil-bir bl-użu ta' tekniki invażivi ("workover") / xogħol fil-bir ...

(j) Tip ta' xogħol fil-bir (jekk dan ikun japplika): il-proċedura ta' tniżżil tat-tagħmir fil-bir permezz tal-kejbils / il-proċedura bl-użu ta' pajp twil ikkoljat ("coiled tubing") / il-proċedura msejħa "snubbing"/… ...

B.2. ***Deskrizzjoni taċ-ċirkustanzi, il-konsegwenzi tal-avveniment u l-miżuri ta' emerġenza li ttieħdu***

Attivazzjoni tat-tagħmir għal kontra l-iżbroffi:

☐ iva

☐ le

Tħaddim tas-sistema ta' bdil fid-direzzjoni:

☐ iva

☐ le

Kontroll taż-żieda fil-pressjoni u/jew tal-fluss pożittiv:

☐ iva

☐ le

Il-falliment ta' lqugħ tal-bir

☐ (a) ...

☐ (b) ...

☐ (c) ...

Deskrizzjoni taċ-ċirkustanzi

...

Iktar dettalji (*jekk jogħġbok speċifika l-unitajiet*)

☐ Kemm idum għaddej il-fluss mhux ikkontrollat tal-fluwidi mill-bir: ...

☐ Ir-rata tal-fluss: ...

☐ Il-volum tal-likwidu: ...

☐ Il-volum tal-gass: ...

Il-konsegwenzi tal-avveniment u l-miżuri ta' emerġenza li ttieħdu

...

(Pereżempju 1. nar minn ġett / 2. splużjoni / 3. splużjoni oħra, eċċ.)

B.3. ***Kaġuni preliminari diretti u sottostanti (fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol mill-avveniment)***

....

B.4. ***L-ewwel tagħlim li ħareġ mill-avveniment u r-rakkomandazzjonijiet preliminari sabiex tiġi evitata r-rikorrenza ta' avvenimenti simili fil-ġejjieni (fi żmien għaxart ijiem mill-avveniment)***

....

L-awtorità kompetenti għandha tkompli timla din it-taqsima.

L-inċident jitqies bħala inċident serju?

☐ iva

☐ le

Agħti r-raġuni għal dan:

....

TMIEM IR-RAPPORT

TAQSIMA C

IL-FALLIMENT TA' ELEMENT KRITIKU AMBJENTALI U TAS-SIKUREZZA

C.1. ***Tagħrif ġenerali***

(a) Isem il-verifikatur indipendenti (jekk dan ikun japplika): ....

C.2. ***Deskrizzjoni taċ-ċirkustanzi, il-konsegwenzi tal-avveniment u l-miżuri ta' emerġenza li ttieħdu***

C.2.1. **Deskrizzjoni tal-elementi kritiċi ambjentali u tas-sikurezza u taċ-ċirkustanzi**

Il-verifikatur indipendenti liema sistemi kritiċi ambjentali u tas-sikurezza rrapporta bħala sistemi li ntilfu jew li mhumiex disponibbli, li jeħtieġu azzjoni immedjata ta' rimedju jew li fallew waqt inċident?

Oriġini: ☐ Rapport tal-verifikatur indipendenti: dettalji (numru tar-rapport / data tar-rapport / verifikatur / ......)

☐ Nuqqas waqt aċċident kbir: dettalji (data meta seħħ l-aċċident / deskrizzjoni tal-accident / ......)

L-elementi kritiċi ambjentali u tas-sikurezza kkonċernati

☐ **(a) Sistemi tal-integrità strutturali**		
☐ Strutturi tal-wiċċ	☐ Strutturi ta' taħt il-baħar	☐ Krejnijiet u tagħmir għall-irfigħ
☐ Sistemi tal-irmiġġ (ankri, ippożizzjonar dinamiku)		☐ Sistema oħra (jekk jogħġbok speċifikaha): .....
☐ **(b) Sistemi għat-trażżin tal-proċess**		
☐ Ilqugħ primarju tal-bir	☐ Ilqugħ sekondarju tal-bir	☐ Tagħmir tal-proċedura ta' tnizzil tat-tagħmir fil-bir permezz tal-kejbils
☐ Ipproċessar tat-tajn	☐ Filtri tar-ramel	☐ Pajpijiet u pajpijiet vertikali li minnhom jgħaddi l-likwidu jew il-gass
☐ Sistema ta' pajpijiet	☐ Reċipjenti taħt pressjoni	☐ Sistema oħra (jekk jogħġbok speċifikaha): .....
☐ Tagħmir tal-proċess tal-kontroll tal-bir - sistema ta' prevenzjoni tal-iżbroffi		
☐ **(c) Sistemi ta' kontroll tat-tqabbid**		
☐ Ventilazzjoni taż-żona ta' periklu	☐ Ventilazzjoni ta' żoni oħra minbarra ż-żona ta' periklu	☐ Tagħmir iċċertifikat skont id-Direttivi tal-ATEX
☐ Tagħmir għall-qtugħ tal-elettriku	☐ Tagħmir għall-ert/għall-kollegament tal-oġġetti kollha esposti tal-metall f'post (il-"bonding")	☐ Sistema għall-gassijiet inerti
☐ Sistema oħra (jekk jogħġbok speċifikaha):		

☐ **(d) Sistemi ta' detezzjoni**			
☐ Detezzjoni tan-nirien u tal-gassijiet	☐ Monitoraġġ taż-żieda tas-sustanzi kimiċi	☐ Ir-ramel	☐ Sistema oħra (jekk jogħġbok speċifikaha): ....

☐ **(e) Sistemi ta' rinforz għat-trażżin tal-proċess**	
☐ Tagħmir tal-proċess tal-kontroll tal-bir - apparat għall-bdil fid-direzzjoni	☐ Sistemi ta' rinforz
☐ Qigħan tal-art li minnhom ma jgħaddux il-gassijiet	☐ Sistema oħra (jekk jogħġbok speċifikaha): ....

☐ **(f) Sistemi ta' protezzjoni**		
☐ Sistema ta' dulluvju	☐ Sistema ta' tirxix ta' fowm fuq il-pjattaforma għall-ħelikopters	☐ Pompi tal-ilma għal kontra n-nar
☐ Sistema tal-ilma għal kontra n-nar	☐ Sistema passiva ta' protezzjoni kontra n-nar	☐ Ħitan għal kontra n-nar/kontra xi splużjoni
☐ Sistema għal kontra n-nar li tuża s-CO2/l-alon		☐ Sistema oħra (jekk jogħġbok speċifikaha): ....
☐ **(g) Sistemi ta' tifi**		
☐ Sistema ta' tifi lokali	☐ Sistema ta' tifi tal-proċessi	
☐ Sistema ta' tifi ta' emerġenza	☐ Valv ta' iżolament ta' taħt il-baħar	
☐ Valv tas-sistema ta' tifi ta' emerġenza tal-pajpijiet vertikali li minnhom jgħaddi l-likwidu jew il-gass	☐ Valv tas-sistema ta' tifi ta' emerġenza tal-istrutturi tal-wiċċ	
☐ Tnaqqis tal-pressjoni	☐ Sistema oħra (jekk jogħġbok speċifikaha): ...	
☐ **(h) Għajnuniet għan-navigazzjoni**		
☐ Għajnuniet għan-navigazzjoni għall-inġenji tal-ajru	☐ Għajnuniet għan-navigazzjoni għall-opri tal-baħar	☐ Għajnuna oħra (jekk jogħġbok speċifikaha): ....
☐ **(i) Tagħmir li jdur – provvista tal-elettriku**		
☐ Turbina b'kalamita permanenti għall-kompressur	☐ Turbina b'kalamita permanenti għall-ġeneratur	☐ Tagħmir ieħor (jekk jogħġbok speċifikah): ....
☐ **(j) Tagħmir għall-ħarba, għall-evakwazzjoni u għas-salvataġġ**		
☐ Tagħmir għas-sikurezza personali	☐ Dgħajjes tas-salvataġġ/Dgħajjes tas-salvataġġ magħluqin għal kollox li jaħdmu b'mutur imsejħin "TEMPSC"	☐ Mezz terzjarju għall-ħarba (inġenji tas-salvataġġ)
☐ Post ta' rifuġju temporanju/fejn in-nies jinġabru	☐ Faċilitajiet ta' tiftix u salvataġġ	☐ Tagħmir ieħor (jekk jogħġbok speċifikah): ....
☐ **(k) Sistemi ta' komunikazzjoni**		
☐ Radjijiet/telefowns	☐ Sistema ta' lawdspiker biex jiġi indirizzat kulħadd	☐ Sistema oħra (jekk jogħġbok speċifikaha): ......
☐ **(l) Element ieħor (jekk jogħġbok speċifikah)**		

C.2.2. **Deskrizzjoni taċ-ċirkustanzi**

L-inċident x'aktarx li jwassal għal degradazzjoni fl-ambjent tal-baħar tal-madwar?

Iva ☐ Le ☐

Jekk it-tweġiba hija iva, iddeskrivi fil-qosor l-impatti ambjentali li diġà ġew innutati jew li x'aktarx se jkun hemm minħabba dan l-inċident.

....

C.3. ***Kaġuni preliminari diretti u sottostanti (fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol mill-avveniment)***

....

C.4. ***L-ewwel tagħlim li ħareġ mill-avveniment u r-rakkomandazzjonijiet preliminari sabiex tiġi evitata r-rikorrenza ta' avvenimenti simili fil-ġejjieni (fi żmien għaxart ijiem mill-avveniment)***

Iddeskrivi t-tagħlim importanti kollu li ħareġ mill-avveniment. Niżżel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħek sabiex tiġi evitata r-rikorrenza ta' avvenimenti simili fil-ġejjieni.

....

L-awtorità kompetenti għandha tkompli timla din it-taqsima.

L-inċident jitqies bħala inċident serju?

☐ iva

☐ le

Agħti r-raġuni għal dan:

....

TMIEM IR-RAPPORT

TAQSIMA D

TELF SINIFIKANTI TAL-INTEGRITÀ STRUTTURALI, JEW TELF TAL-ĦARSIEN MILL-EFFETTI TAN-NIRIEN JEW TA' SPLUŻJONI, JEW TELF TAL-ISTABBILTÀ TAL-POST TA' IMPJANT MOBBLI

D.1. ***Tagħrif ġenerali***

(a) Isem il-bastiment (jekk dan ikun japplika) ....

D.2. ***Deskrizzjoni taċ-ċirkustanzi, il-konsegwenzi tal-avveniment u l-miżuri ta' emerġenza li ttieħdu***

Għid liema sistema falliet u ddeskrivi ċ-ċirkustanzi tal-avveniment / iddeskrivi x'ġara, fosthom il-kundizzjonijiet tat-temp u tal-baħar.

....

D.3. ***Kaġuni preliminari diretti u sottostanti (fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol mill-avveniment)***

....

D.4. ***L-ewwel tagħlim li ħareġ mill-avveniment u r-rakkomandazzjonijiet preliminari sabiex tiġi evitata r-rikorrenza ta' avvenimenti simili fil-ġejjieni (fi żmien għaxart ijiem mill-avveniment)***

....

L-awtorità kompetenti għandha tkompli timla din it-taqsima.

L-inċident jitqies bħala inċident serju?

☐ iva

☐ le

Agħti r-raġuni għal dan:

....

TMIEM IR-RAPPORT

TAQSIMA E

BASTIMENTI LI SE JKUNU INVOLUTI F'ĦABTA JEW ĦABTIET TA' BASTIMENTI LI JKUNU SARU FIR-REALTÀ MA' IMPJANT LI JKUN JINSAB LIL HINN MILL-KOSTA

E.1. ***Tagħrif ġenerali***

(a) Isem il-bastiment/l-istat tal-bandiera tiegħu (*): ....

(b) It-tip ta' bastiment/it-tunnellaġġ tiegħu (*): ....

(c) Kien hemm kuntatt permezz tas-sistema ta' identifikazzjoni awtomatika tal-bastiment?: ....

(*) jekk dan ikun japplika

E.2. ***Deskrizzjoni taċ-ċirkustanzi, il-konsegwenzi tal-avveniment u l-miżuri ta' emerġenza li ttieħdu***

Għid liema sistema falliet u ddeskrivi ċ-ċirkustanzi tal-avveniment / iddeskrivi x'ġara (id-distanza minima bejn il-bastiment u l-impjant, ir-rotta u l-veloċità tal-bastiment, il-kundizzjonijiet tat-temp).

....

E.3. ***Kaġuni preliminari diretti u sottostanti (fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol mill-avveniment)***

....

E.4. ***L-ewwel tagħlim li ħareġ mill-avveniment u r-rakkomandazzjonijiet preliminari sabiex tiġi evitata r-rikorrenza ta' avvenimenti simili fil-ġejjieni (fi żmien għaxart ijiem mill-avveniment)***

....

L-awtorità kompetenti għandha tkompli timla din it-taqsima. L-inċident jitqies bħala inċident serju?

☐ iva

☐ le

Agħti r-raġuni għal dan:

....

TMIEM IR-RAPPORT

TAQSIMA F

AĊĊIDENTI BIL-ĦELIKOPTER QRIB IMPJANTI LI JINSABU LIL HINN MILL-KOSTA JEW FUQHOM

L-inċidenti bil-ħelikopters għandhom jiġu rrappurtati skont ir-regolamenti tal-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili. Jekk iseħħ aċċident bil-ħelikopter b'rabta mad-Direttiva 2013/30/UE, għandha timtela t-Taqsima F.

F.1. ***Tagħrif ġenerali***

(a) Isem il-kuntrattur tal-ħelikopter: ...

(b) It-tip ta' ħelikopter: ...

(c) L-għadd ta' persuni abbord: ...

F.2. ***Deskrizzjoni taċ-ċirkustanzi, il-konsegwenzi tal-avveniment u l-miżuri ta' emerġenza li ttieħdu***

Għid liema sistema falliet u ddeskrivi ċ-ċirkustanzi tal-avveniment / iddeskrivi x'ġara (il-kundizzjonijiet tat-temp).

...

F.3. ***Kaġuni preliminari diretti u sottostanti (fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol mill-avveniment)***

...

F.4. ***L-ewwel tagħlim li ħareġ mill-avveniment u r-rakkomandazzjonijiet preliminari sabiex tiġi evitata r-rikorrenza ta' avvenimenti simili fil-ġejjieni (fi żmien għaxart ijiem mill-avveniment)***

...

L-awtorità kompetenti għandha tkompli timla din it-taqsima. L-inċident jitqies bħala inċident serju?

☐ iva

☐ le

Agħti r-raġuni għal dan:

...

TMIEM IR-RAPPORT

Għandu jsir rapport dwar it-Taqsimiet G u H skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva 92/91/KEE.

TAQSIMA I

KULL EVAKWAZZJONI TAL-PERSUNAL

I.1. ***Tagħrif ġenerali***

Data/ħin tal-bidu u tat-tmiem tal-evakwazzjoni: ....

I.2. ***Deskrizzjoni taċ-ċirkustanzi, il-konsegwenzi tal-avveniment u l-miżuri ta' emerġenza li ttieħdu***

L-evakwazzjoni saret minħabba emerġenza jew bħala miżura ta' prekawzjoni?

☐ Bħala miżura ta' prekawzjoni ☐ Minħabba emerġenza ☐ Għaż-żewġ raġunijiet

Għadd ta' persuni evakwati: ....

Mezz ta' evakwazzjoni: .... (pereżempju ħelikopter)

Għid liema sistema falliet u ddeskrivi ċ-ċirkustanzi tal-avveniment / iddeskrivi x'ġara, sakemm dan ma ġiex deskritt f'taqsima preċedenti ta' dan ir-rapport.

....

I.3. ***Kaġuni preliminari diretti u sottostanti (fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol mill-avveniment)***

....

I.4. ***L-ewwel tagħlim li ħareġ mill-avveniment u r-rakkomandazzjonijiet preliminari sabiex tiġi evitata r-rikorrenza ta' avvenimenti simili fil-ġejjieni (fi żmien għaxart ijiem mill-avveniment)***

....

TMIEM IR-RAPPORT

TAQSIMA J

INĊIDENT AMBJENTALI KBIR

J.1. ***Tagħrif ġenerali***

(a) Isem il-kuntrattur (jekk dan ikun japplika) ....

J.2. ***Deskrizzjoni taċ-ċirkustanzi, il-konsegwenzi tal-avveniment u l-miżuri ta' emerġenza li ttieħdu***

Għid liema sistema falliet u ddeskrivi ċ-ċirkustanzi tal-avveniment / iddeskrivi x'ġara. X'effetti sinifikanti ħżiena kien hemm fuq l-ambjent jew x'effetti sinifikanti ħżiena x'aktarx li se jkun hemm?

....

J.3. ***Kaġuni preliminari diretti u sottostanti (fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol mill-avveniment)***

....

J.4. ***L-ewwel tagħlim li ħareġ mill-avveniment u r-rakkomandazzjonijiet preliminari sabiex tiġi evitata r-rikorrenza ta' avvenimenti simili fil-ġejjieni (fi żmien għaxart ijiem mill-avveniment)***

....

TMIEM IR-RAPPORT

ANNESS II

Format komuni għall-pubblikazzjoni

Kif meħtieġ skont l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2013/30/UE

TAQSIMA 1

PROFIL

Tagħrif dwar l-Istat Membru u l-Awtorità tar-rappurtar

(a) Stat Membru: ....

(b) Perjodu tar-rappurtar: (Sena kalendarja) ....

(c) Awtorità kompetenti: ....

(d) L-awtorità tar-rappurtar maħtura: ....

(e) Dettalji ta' kuntatt

Numru tat-telefown: ....

Indirizz tal-posta elettronika: ....

TAQSIMA 2

IMPJANTI

2.1. **Impjanti fissi:** Jekk jogħġbok agħti lista ddettaljata tal-impjanti għall-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass lil hinn mill-kosta f'pajjiżek (fl-ewwel ta' Jannar tas-sena tar-rapport), fosthom it-tip ta' impjant (jiġifieri impjant fiss li jkollu l-ekwipaġġ fuqu, impjant fiss li normalment ma jkollux l-ekwipaġġ fuqu, impjant li jżomm fil-wiċċ li jintuża għall-produzzjoni, jew impjant fiss li ma jintużax għall-produzzjoni), is-sena tal-istallazzjoni u l-post fejn ikun jinsab l-impjant:

It-Tabella 2.1

L-impjanti li jinsabu fit-territorju tal-pajjiż fl-1 ta Jannar tal-perjodu tar-rappurtar

L-isem jew il-kodiċi ta' identifikaz-zjoni	**It-tip ta' impjant, jiġifieri** impjant fiss li jkollu l-ekwipaġġ fuqu (FMI), impjant (fiss) li normalment ma jkollux l-ekwipaġġ fuqu (NUI), impjant li jżomm fil-wiċċ li jintuża għall-produzzjoni (FPI), jew impjant fiss li ma jintużax għall-produzzjoni (FNP)	**Is-sena tal-istallazzjoni**	**It-tip ta' fluwidu,** jiġifieri żejt, gass, kondensat, żejt/gass, jew żejt/kondensat	**Għadd ta' sodod**	**Il-koordinati** (*lonġitudni-latitudni*)

2.2. **Bidliet mis-sena ta' rrapurtar ta' qabel**

(a) **Impjanti fissi ġodda:** Jekk jogħġbok għid liema huma l-impjanti fissi l-ġodda li bdew jaħdmu matul il-perjodu tar-rappurtar:

It-Tabella 2.2.a.

L-impjanti fissi l-ġodda li bdew jaħdmu matul il-perjodu tar-rappurtar

L-isem jew il-kodiċi ta' identifikazzjoni	**It-tip ta' impjant, jiġifieri** impjant fiss li jkollu l-ekwipaġġ fuqu (FMI), impjant (fiss) li normalment ma jkollux l-ekwipaġġ fuqu (NUI), impjant li jżomm fil-wiċċ li jintuża għall-produzzjoni (FPI), jew impjant fiss li ma jintużax għall-produzzjoni (FNP)	**Is-sena tal-istallazzjoni**	**It-tip ta' fluwidu,** jiġifieri żejt, gass, kondensat, żejt/gass, jew żejt/kondensat	**Għadd ta' sodod**	**Il-koordinati** (*lonġitudni-latitudni*)

(b) **Impjanti fissi li ma baqgħux jintużaw:** Jekk jogħġbok għid liema huma l-impjanti li ma baqgħux jintużaw għall-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass lil hinn mill-kosta matul il-perjodu tar-rappurtar:

It-Tabella 2.2.b.

Impjanti li ma baqgħux jintużaw matul il-perjodu tar-rappurtar

L-isem jew il-kodiċi ta' identifikazzjoni	**It-tip ta' impjant, jiġifieri** *impjant fiss li jkollu l-ekwipaġġ fuqu, impjant fiss li normalment ma jkollux l-ekwipaġġ fuqu, impjant li jżomm fil-wiċċ li jintuża għall-produzzjoni, jew impjant fiss li ma jintużax għall-produzzjoni*	**Is-sena tal-istallazzjoni**	**Il-koordinati** (*lonġitudni-latitudni*)	**Għeluq temporanju/permanenti tal-impjant**

2.3. **Impjanti mobbli**: Jekk jogħġbok għid liema huma l-impjanti mobbli li qed iwettqu l-operazzjonijiet matul il-perjodu tar-rappurtar (l-impjanti mobbli għat-tħaffir lil hinn mill-kosta u impjanti oħra li ma jintużawx għall-produzzjoni):

It-Tabella 2.3.

L-impjanti mobbli

L-isem jew il-kodiċi ta' identifikazzjoni	**It-tip ta' impjant, jiġifieri** impjant mobbli għat-tħaffir lil hinn mill-kosta, jew impjant mobbli ieħor li ma jintużax għall-produzzjoni	**Is-sena tal-bini**	**Għadd ta' sodod**	**Iż-żona ġeografika tal-operazzjonijiet** *(pereżempju n-naħa t'isfel tal-Baħar tat-Tramuntana jew in-naħa ta' fuq tal-Baħar Adrijatiku)*; **u t-tul ta' żmien tal-operazzjonijiet**			
				L-ewwel żona	**It-tul ta' żmien** (*f'xhur*)	**It-tieni żona**	**It-tul ta' żmien** (*f'xhur*)

2.4. Tagħrif għall-finijiet tan-normalizzazzjoni ([1]) **tad-dejta**: Jekk jogħġbok agħti l-għadd totali tas-sigħat reali ta' ħidma lil hinn mill-kosta u l-produzzjoni kollha li kien hemm matul il-perjodu tar-rappurtar:

(a) L-għadd totali tas-sigħat reali ta' ħidma lil hinn mill-kosta għall-impjanti kollha: ....

(b) Il-produzzjoni kollha, f'kTOE: ....

Il-produzzjoni taż-żejt (*speċifika l-unità*): ....

Il-produzzjoni tal-gass (*speċifika l-unità*): ....

([1]) Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, in-normalizzazzjoni tfisser trasformazzjoni li tiġi applikata b'mod uniformi fuq kull element ta' sett ta' dejta biex b'hekk is-sett ikollu ċerti karatteristiċi statistiċi speċifiċi. Pereżempju, għadd ta' avvenimenti li jkunu ġew irrappurtati (pereżempju t-telf ta' kontroll tal-bir), jistgħu jiġu nnormalizzati billi kull wieħed minnhom jiġi diviż bl-għadd totali ta' bjar f'dak l-Istat Membru.

TAQSIMA 3

QAFAS U FUNZJONIJIET REGOLATORJI

3.1. **Spezzjonijiet**

L-għadd ta' spezzjonijiet lil hinn mill-kosta mwettqin matul il-perjodu tar-rappurtar.

L-għadd ta' spezzjonijiet lil hinn mill-kosta	Il-jiem tax-xogħol ta' bniedem wieħed fuq l-impjant (mingħajr il-ħin tal-ivvjaġġar)	L-għadd ta' impjanti spezzjonati

3.2. **Investigazzjonijiet**

L-għadd ta' investigazzjonijiet imwettqin matul il-perjodu tar-rappurtar u t-tip tagħhom.

(a) Aċċidenti kbar: ....

(skont l-Artikolu 26 tad-Direttiva 2013/30/UE):

(b) Tħassib ambjentali u marbut mas-sikurezza: ....

(skont l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2013/30/UE):

3.3. **Azzjonijiet ta' infurzar**

L-azzjonijiet ewlenin ta' infurzar imwettqin matul il-perjodu tar-rappurtar jew il-kundanni maħruġin f'dak il-perjodu skont l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2013/30/UE:

Deskrizzjoni:

....

....

....

3.4. **Bidliet ewlenin fil-qafas regolatorju għall-attivitajiet lil hinn mill-kosta**

Jekk jogħġbok iddeskrivi kull bidla ewlenija li kien hemm fil-qafas regolatorju għall-attivitajiet lil hinn mill-kosta matul il-perjodu tar-rappurtar.

(agħti, pereżempju, r-raġuni għall-bidla, deskrizzjoni tagħha, ir-riżultat mistenni u r-referenzi)

....

....

....

....

TAQSIMA 4

DEJTA DWAR L-INĊIDENTI U L-PRESTAZZJONI TAL-ATTIVITAJIET LIL HINN MILL-KOSTA

4.1. **Dejta dwar l-inċidenti**

L-għadd ta' avvenimenti li għandu jsir rapport dwarhom skont l-Anness IX: ....

Minn fosthom, l-għadd li ġew identifikati bħala aċċidenti kbar: ....

4.2. **Kategoriji tal-inċidenti mogħtija fl-Anness IX**

Il-kategoriji mogħtija fl-Anness IX		L-għadd ta' avvenimenti	L-għadd innormalizzat ta' avvenimenti
(a)	**Rilaxxi bi żball**		
	Rilaxxi ta' żejt jew gass li ħa n-nar - Nirien		
	Rilaxxi ta' żejt jew gass li ħa n-nar - Splużjonijiet		
	Rilaxxi ta' gass li ma ħax in-nar		
	Rilaxxi ta' żejt li ma ħax in-nar		
	Rilaxx ta' sustanzi perikolużi		
(b)	**Telf ta' kontroll tal-bir**		
	L-iżbroffi		
	L-attivazzjoni tas-sistema ta' prevenzjoni tal-iżbroffi jew tas-sistema ta' bdil fid-direzzjoni		
	Il-falliment ta' lqugħ tal-bir		
(c)	**Il-falliment tal-elementi kritiċi ambjentali u tas-sikurezza**		
(d)	**Telf tal-integrità strutturali**		
	Telf tal-integrità strutturali		
	Telf tal-istabbiltà/taż-żamma fil-wiċċ		
	Telf tal-istabbiltà tal-post		
(e)	**Ħabtiet mal-bastimenti**		
(f)	**Aċċidenti bil-ħelikopter**		
(g)	**Aċċidenti fatali** (*)		
(h)	**Aċċidenti li fihom jindarbu serjament ħames persuni jew iktar fl-istess aċċident** (*)		
(i)	**Evakwazzjonijiet tal-persunal**		
(j)	**Inċidenti ambjentali**		
(*)	biss jekk ikunu aċċidenti kbar		

4.3. **L-għadd totali ta' nies li mietu jew li ndarbu** (**)

	L-għadd	Il-valur innormalizzat
L-għadd totali ta' nies li mietu		
L-għadd totali ta' nies li ndarbu serjament		
L-għadd totali ta' nies li ndarbu		

(**) għadd totali kif irrappurtat skont id-Direttiva 92/91/KEE

4.4. **Il-fallimenti tal-elementi kritiċi ambjentali u tas-sikurezza**

L-element kritiku ambjentali u tas-sikurezza		L-għadd b'rabta ma' aċċidenti kbar
(a)	Is-sistemi tal-integrità strutturali	
(b)	Is-sistemi għat-trażżin tal-proċess	
(c)	Is-sistemi ta' kontroll tat-tqabbid	
(d)	Is-sistemi ta' detezzjoni	
(e)	Is-sistemi ta' rinforz għat-trażżin tal-proċess	
(f)	Is-sistemi ta' protezzjoni	
(g)	Is-sistemi ta' tifi	
(h)	L-għajnuniet għan-navigazzjoni	
(i)	It-tagħmir li jdur – il-provvista tal-elettriku	
(j)	It-tagħmir għall-ħarba, għall-evakwazzjoni u għas-salvataġġ	
(k)	Is-sistemi ta' komunikazzjoni	
(l)	Elementi oħrajn	

4.5. **Kaġuni diretti u sottostanti tal-inċidenti serji**

Kaġuni		Għadd ta' inċidenti	Kaġuni		Għadd ta' inċidenti
(a)	**Kaġuni marbutin mat-tagħmir**		**(c)**	**Żball fil-proċedura/fl-organizzazzjoni**	
	Nuqqas marbut mad-disinn			*Valutazzjoni/perċezzjoni mhix adegwata tar-riskju*	
	Korrużjoni fuq in-naħa ta' ġewwa			*Struzzjoni/proċedura mhix adegwata*	
	Korrużjoni fuq in-naħa ta' barra			*Nuqqas ta' konformità mal-proċedura*	
	Nuqqas mekkaniku minħabba l-għeja			*Nuqqas ta' konformità mal-permess tax-xogħol*	
	Nuqqas mekkaniku minħabba l-użu			*Komunikazzjoni mhix adegwata*	
	Nuqqas mekkaniku minħabba materjal difettuż			*Persunal mhux kompetenti biżżejjed*	
	Nuqqas mekkaniku (fil-bastiment/fil-ħelikopter)			*Superviżjoni mhix adegwata*	
	Il-falliment ta' xi strument			*Tmexxija mhix adegwata b'rabta mas-sikurezza*	
	Il-falliment tas-sistema ta' kontroll			*Kaġun ieħor*	
	Żball ieħor				
(b)	**Żball uman – żball operattiv**		**(d)**	**Kaġuni marbutin mat-temp**	
	Żball operattiv			*Riħ qawwi iktar minn dak li jiflaħ għalih id-disinn tal-impjant*	
	Żball fil-manutenzjoni			*Mewġa ikbar minn dak li jiflaħ għalih id-disinn tal-impjant*	
	Żball fl-ittestjar			*Viżibbiltà baxxa ħafna, iktar minn dak li jiflaħ għalih id-disinn tal-impjant*	
	Żball fl-ispezzjoni			*Is-silġ/il-mases tas-silġ*	
	Żball fid-disinn			*Żball ieħor*	
	Kundizzjonijiet tat-temp oħrajn				

4.6. **X'inhu t-tagħlim l-iktar importanti li ħareġ minn dawn l-inċidenti li għandu jinqasam ma' ħaddieħor?**

Deskrizzjoni:

....

....

....

....

TMIEM IR-RAPPORT